KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## It-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Wiehed (1)***

***It-Tlieta, 2 ta' Lulju, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fis-sebgha u nofs ta' filgħaxija (7:30pm).

**PREZENTI:**

IL-KUNSILLIER DARREN ABELA
IL-KUNSILLIERA CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIER ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT
IL-KUNSILLIERA KEITH FENECH

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**KUMMISSARJU TAL-ĠUSTIZZJA:**

DR ANNA MALLIA

**MINUTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lill-Kunsilliera Rose Agius sabiex tmexxi l-laqgħa bħala l-iktar Kunsillier anzjan skond kif titlob il-liġi.

**1.1 Ġurament għall-ħatra ta' Sindku**

1.1.1 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet lis-Sur Darren Abela jekk jaċċettax il-kariga bħala Sindku tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq. Is-Sur Darren Abela iffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni u din giet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv.

1.1.2 Is-Sur Darren Abela qara il-Ġurament tal-Kariga ta' Sindku fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Gustizzja Dr Mallia. Is-Sur Darren Abela solennement ħalef li jaqdi dmiru bħala Sindku skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Gvern Lokali u l-Kostituzzjoni ta' Malta.

1.1.3 Il-karta tal-Ġurament ġiet iffirmata kemm mis-Sindku Darren Abela kif ukoll mill-Kummissarju tal-Gustizzja.

**1.2 Ġurament għall-ħatra ta' Vici Sindku**

1.2.1 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet lis-Sinjorina Christine Dalli jekk taċċettax il-kariga bħala Vici Sindku tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq. Is-Sinjorina Christine Dalli iffirmat l-ittra tal-aċċettazzjoni u din ġiet mgħoddija lis-Segretarju Eżekuttiv.

1.2.2 Is-Sinjorina Christine Dalli qrat il-Ġurament tal-Kariga ta' Vici Sindku fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr Mallia. Is-Sinjorina Christine Dalli solennement ħalfet li taqdi dmirha bħala Vici Sindku skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Gvern Lokali u l-Kostituzzjoni ta' Malta.

1.2.3 Il-karta tal-Ġurament ġiet iffirmata kemm mill-Vici Sindku Christine Dalli kif ukoll mill-Kummissarju tal-Ġustizzja.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa, il-Kummissarju tal-Ġustizzja ħarġet mill-kamra u kompla il-Laqgħa is-Sindku Darren Abela.*

**1.3 Assenjament ta' responsabbilitajiet lill-Kunsilliera**

1.3.1 Is-Sindku Darren Abela assenja lil kull Kunsillier ir-responsabilitajiet elenkati fl-erbatax-il Skeda mill-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap363).

| | |
|---|---|
| ***Is-Sindku Darren Abela*** | *L-Infrastruttura*<br>*Proġetti*<br>*Komunitajiet*<br>*Il-Qasam Socjali* |
| ***Il-Vici Sindku Christine Dalli*** | *L-Indafa*<br>*L-Ambjent* |
| ***Il-Kunsillier Rose Agius*** | *L-Anzjani*<br>*L-Integrazzjoni Soċjali*<br>*Il-Ħarsien tal-Annimali* |
| ***Il-Kunsillier Andreas Gatt*** | *Iż-Żgħażagħ u t-Tfal*<br>*Sports u Attivitajiet Fiżiċi*<br>*L-Innovazzjoni* |
| ***Il-Kunsillier Keith Fenech*** | *L-Edukazzjoni*<br>*Il-Kultura* |

1.3.2 Is-Sindku Darren Abela ħass il-ħtieġa li jżid xi responsabilitajiet oħra u jassenjahom lill-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| ***Il-Vici Sindku Christine Dalli*** | *Fondi tal-Unjoni Ewropeja* |
| ***Il-Kunsilliera Rose Agius*** | *Trasport Pubbliku* |
| ***Il-Kunsillier Keith Fenech*** | *Żoni Rurali* |

1.3.3 Is-Sindku Darren Abela qal li hu se jkun qiegħed jattendi ukoll il-Laqgħat tar-Reġjun Nofsinhar kif ukoll tal-Kunsill Konsultattiv tan-Nofsinhar ta' Malta. Il-Kunsillier Keith Fenech se jkun responsabbli mill-materji li ghandhom x'jaqsmu mal-Fondazzjoni tal-GAL Xlokk.

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għall-Ħamis, 18 ta' Lulju 2019 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-7:00pm

_________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

_________________________
ikkonfermati
Darren Abela

Sindku